

Brussell, 14 ta' Settembru 2026
(OR. en)

11447/26

CO EUR-PREP 23

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (15 u 16 ta' Ottubru 2026) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. KOMPETITTIVITÀ

Il-Kunsill Ewropew ser jappella għal progress aċċellerat fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali interistituzzjonali biex titwettaq l-aġenda "Ewropa Waħda, Suq Wieħed" fil-kuntest ġeoekonomiku diffiċli. Ser jevalwa wkoll il-kwistjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi globali.

II. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha, inkluż l-isforzi għall-paċi, u l-appoġġ li l-Unjoni qed tibqa' tagħti lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha.

III. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS

Wara l-preżentazzjoni ta' abbozz aġġornat ta' Kaxxa ta' Negożjar mill-Presidenza Irlandiża, il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

IV. LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-iżviluppi fil-Lvant Nofsani.

V. DIFIŻA U SIGURTÀ TAL-EWROPA

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-aġenda tal-prontezza tad-difiża tal-Ewropa u jipprovdi gwida kif meħtieġ.

VI. MIGRAZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strateġika dwar il-migrazzjoni.

VII. TKABBIR U RIFORMI

Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni strateġika dwar it-tkabbir u r-riformi interni.
